MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 284/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**vs**
**Brian Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Brian Zammit ta’ 31 mwieled 10 ta’ Lulju 1975 Pieta’ bin Frans Farrugia u Antonia Zammit u residenti f’Block A Flat 6 Housing Estate Laqxijja B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 425975(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-gzejjer, nhar it-22 ta’ Mejju 2005 f’San Pawl il-Bahar ghall-habta tas-seba ta’ wara nofs inhar ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mark Borg skond ma ccertifikah Dr. Michael Spiteri MD ta’ St Luke’s Hospital Casuality Department (Ch9 Section 216).
Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta’

Lulju 2007 (esebit a fol. 24 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' Frar 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fil-pjazza ta' Bugibba quddiem il-Miracles Bar fit-22 ta' Mejju 2005 ghall-habta tas-7.00pm fejn il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-allegat vittma Mark Borg sofra griehi ta' natura gravi li gew kagunati mill-imputat Brian Zammit. Irid mal-ewwel jigi puntwalizzat li c-certifikat mediku prodott mill-Prosekuzzjoni u inserit a fol 25 tal-atti processwali, liema certifikat gie rilaxxjat minn Dr. Michael Spiteri jindika li l-griehi sofferti minn Mark Borg kienu slight save complications Dan ic-certifkat inoltre fl-ebda stadju ma gie kkonfermat bil-gurament mit-tabib li rrilaxxjah.

F'dawn il-proceduri xehed l-allegat vittma Mark Borg waqt l-udjenza tal-14 ta' Frar 2008 fejn ikkonferma li kien involut fi glieda fil-pjazza ta' Bugibba u li kien qala' daqqa ta' flixkun u sofra xi griehi izda huwa qal li ma jafx min kien tah din id-daqqa ta' flixkun ghaliex kien hemm hafna gegwigija ta' nies. Huwa inoltre qal li fi kwalunkwe kaz kien lest li jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat Brian Zammit u spjega li l-griehi minnu sofferti damu madwar hmistax-il gurnata sabiex ifiequ. Meta huwa rega' xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2010 huwa qal li waqt il-glieda li nqalghet huwa fl-ebda hin ma kien ra lill-imputat Brian Zammit. Ebda wiehed mix-xheida prodotti mill-Prosekuzzjoni ma

identifika lill-imputat bhala l-persuna li kien ikkaguna l-griehi lil Mark Borg.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputazzjoni migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat bl-ebda mod ma tista’ tinghad li tirrizulta pruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-impuat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------